MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 1127/2006

Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Philip Morris Products S.A.
vs
Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-23 ta' Jannar 2007 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` N.C Reflet Plast 8, Rue Ain Ezebouja, Tilimili Algiers, Algeria

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Dr. David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Philip Morris Products S.A. li bih espona:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti Philip Morris Products S.A. ta' Quai Jeanrenaud 3, CH 2000 Neuchâtel, tal-iSvizzera hija proprjetarja tal-marka tas-sigaretti "MARLBORO" kif ukoll proprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq l-istess pakketti

tas-sigaretti skond kif  kien jidher fuq id-Dokument "A", id-Dokument "B" u d-Dokument "C";

2. Illi s-socjeta` rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta` industrijali tal-istess kelma "MARLBORO" u s-sinjali distintivi fil-komplessita` taghhom registrati f'Malta taht *Trademark No*. 5789, *Trademark No*. 5790 u *Trademark No.* 16670, fir-Registru tal-Markji, skond l-estratti originali mahruga mill-istess Registru tal-Markji (kif muri f'Dok "A", f'Dok "B" u f'Dok "C"), ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi kien irrizulta li fit-23 ta' Novembru 2006 kienet iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA CGM CHOPIN", u/jew kienet giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' sigaretti li jgibu l-markju "MARLBORO" kif ukoll is-sinjali distintivi fuq imsemmija li jinsabu fuq l-istess sigaretti liema konsenja kienet tikkonsisti fi tmien mija u tmienja u hamsin (858) kaxxa maghrufa bhala *master cases* b'*Container* Numru **CLHU8468094** u li ma kienux genwini, u dan bi ksur tal-projbizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap 414;

4. Illi mill-Polza ta' Kargu Numru SZ1299105 kien jirrizulta li l-konsenjatarji tal-konsenja in kwistjoni kienu indikati bhala N.C Reflet Plast 8, Rue Ain Ezebouja, Tilimli Algiers, Algeria, mentri d-dettalji tax-*Shipper* kienu indikati bhala Shenzhen Jinbei Li Import And Export Co., Ltd;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta` intellettwali kien projbit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn is-sigaretti in kwistjoni kienu jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti, skond l-Artiklu 2(1)(a) (i) u (iii), tal-Kap 414, li favur taghha kienu registrati l-markji u distintivi "Marlboro", billi kien instab illi dawn l-istess sigaretti kienu prodotti falsifikati

skond l-analizi li ghamlet is-socjeta` rikorrenti (ara rapport ta' analizi mmarkat bhala Dokument "D");

7. Illi din il-konsenja ta' sigaretti bhalissa kienet tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-'New Port Bonded Stores', Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok "F");

8. Illi l-Avukat Dr. David Tonna nomine ddikjara li l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li kienet inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Għaldaqstant, ir-rikorrent nomine talab lill-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma falsifikati;

2. Tiddikjara li tali sigaretti falsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap 414 fil-konfront tat-*Trademarks* registrati bin-Numri 5789, 5790 u 16670 tal-Markji "MARLBORO" u/jew is-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess *Trademarks*;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja sigaretti falsifikati da parti tas-socjeta` intimata u li tikkonsisti fi tmien mija u tmienja u hamsin (858) *master cases*, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` intimata skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent nomine.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tad-deputati kuraturi li biha esponew:

Illi huma ma kienux edotti mill-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors u rriservaw li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkunu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' <u>George Agius</u>, impjegat mad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar, li fih issemma li l-***container*** CLHU8468094 inhatt gewwa l-port hieles minn

fuq il-vapur CMA CGM CHOPIN fit-23 ta’ Novembru 2006 u kien gie maghzul ghal kontroll fiziku tal-kontenut tieghu. Skond il-polza tat-tghabija numru SZ1299105 tal-vjagg numru ME276W li kienet giet ipprezentata mill-agent tal-vapur, jigifieri CMA CGM(Malta), l-origini tal-***container*** kienet ic-Cina u kien destinat ghall-Algerija. Kien dikjarat li bhala kontenut kien hemm 858 ***Cartons Grain Plastique (Nylon)***. Il-***container*** gie mibghut minn Shemzen Jinbei Li Import And Export Co. Ltd. filwaqt li l-konsenjatarji kienu indikati bhala N.C Reflet Plast 8, Rue Ain Ezebouja, Tilimli Algiers, Algeria.

Fis-27 ta’ Novembru 2006 fil-prezenza ta’ ufficjali tad-Dwana u tar-rapprezentant ta’ l-agent tal-vapur u wara li s-sigilli gew konfermati bhala intatti, il-***container*** infetah u nstab li fl-ewwel fillieri tal-kontenut kien hemm xkejjer li kienu mimlija bicciet ***plastic*** imqatta’. Meta komplew ihottu mill-ixkejjer sabu kaxxi li kienu mimlija bis-sigaretti bil-markji Marlboro ta’ Philip Morris, liema sigaretti dehru suspettuzi li kienu kontrafatti. Billi ghall-markju Marlboro d-Dwana ghandha applikazzjoni ghal azzjoni skond l-Att VIII tas-sena 2003, Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll applikazzjoni ghall-azzjoni tal-Komunita` Ewropeja skond ir-Regolament EC1383/2003, ittiehdet id-decizjoni li l-***container*** jinzamm ghal aktar investigazzjonijiet u wara li gew elevati kampjuni tas-sigaretti misjuba fil-***container***, dan kien inghalaq u sigillat mid-Dwana kif ukoll mir-rapprezentant tal-vapur. Ir-rapprezentant ta’ l-agent tal-vapur inghata ricevuta tal-***container*** mizmum.

Il-kampjuni li gew elevati kienu gew mghoddija lil Dr. Antoine Camilleri LL.D. ta’ Mamo TCV Advocates bhala rapprezentanti legali tal-markju Marlboro f’Malta. Minn ezamijiet li saru fuq dawn il-kampjuni kien irrizulta li s-sigaretti kienu kontrafatti. Il-kontenut tal-***container*** kien gie mahtut go wiehed mill-imhazen tad-Dwana.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lill-kumpaniji rikorrenti ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista’ tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna l-attur ma gie kontradett.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Irrizulta li Dr. David Tonna huwa rapprezentant tas-socjeta` Philip Morris Products S.A. ghal dak li jirrigwarda l-markji u l-protezzjoni tal-markji taghha gewwa Malta. Irrizulta li fit-23 ta’ Novembru 2006 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV CMA CGM Chopin konsenja ta’ sigaretti tal-markju Marlboro fuq ***container*** CLHU8468094. Kienet saret talba lill-Kontrollur tad-Dwana biex izomm il-konsenja u jaghti kampjuni lil Dr. Antoine Camilleri ta’ Mamo TCV Advocates bhala rapprezentanti legali tal-markju Marlboro f’Malta biex dawn jintbaghtu barra minn Malta biex jigu ezaminati sabiex jigi stabbilit kienux genwini jew foloz. Instab li s-sigaretti kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana f’wiehed mill-imhazen. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Agius, Fizzjal tad-Dwana fis-Sezzjoni tal-Infurzar, li semma li fis-27 ta’ Novembru 2006 il-***container*** imsemmi gie miftuh biex jigi ccekkjat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-intimati ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 62 tal-process hemm id-dikjarazzjoni ta’ Leonard Imfeld, Product Intelligence & Security ma’ Philip Morris International Management S.A., li fiha jinghad “After examining the Samples, I cam confirm that the products in question were not produced by, or with the authorisation of Philip Morris International for, among others, the following reasons…” u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.

It-talba rikorrenti m’hi b’ebda mod kontradetta.

L-azzjoni rikorrenti hi bazata fuq dak li tipprovdi l-Ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta’ Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-fatti msemmija fir-rikors jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Leonard Imfeld u tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius, il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu

maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma falsifikati;

Tiddikjara li tali sigaretti falsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap 414 fil-konfront tat-***Trademarks*** registrati bin-Numri 5789, 5790 u 16670 tal-Markji "MARLBORO" u/jew is-sinjali distintivi li jifformaw parti mill-istess ***Trademarks***;

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja sigaretti falsifikati da parti tas-socjeta` intimata u li tikkonsisti fi tmien mija u tmienja u hamsin (858) ***master cases***, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddistruggi s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` intimata skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414;

Dwar il-hames talba fejn intalab lill-Qorti "Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti", fil-fatt ir-rikorrent ***nomine*** ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor;

Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata b'dan li provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mir-rikorrent ***nomine***.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------